

Brussell, 7 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8553/21

COMPET 329	EMPL 188
IND 116	ENER 164
MI 323	ENV 287
CLIMA 98	ESPACE 48
CONSOM 111	PI 33
DIGIT 56	POLMIL 64
ECOFIN 414	RC 17
EDUC 153	RECH 196

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	7 ta' Mejju 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 350 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali I-Ġdida tal-2020: Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 350 final.

Mehmuż: COM(2021) 350 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.5.2021
COM(2021) 350 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020:
Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa**

{SWD(2021) 351 final} - {SWD(2021) 352 final} - {SWD(2021) 353 final}

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Aġġornament tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020:
Nibnu Suq Uniku aktar b'saħħtu għall-irkupru tal-Ewropa**

1. IL-ĦTIEĠA TA' AĠĠORNAMENT: SFIDI EMERĠENTI, PRIJORITAJIET DEJJIEMA

Fl-10 ta' Marzu 2020, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat "*Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa*".¹ Din tistabbilixxi pjan dwar kif l-industrija pijuniera tal-UE tista' tmexxi t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali doppji, abbażi tas-saħħa tat-tradizzjonijiet tagħha, tan-negozji tagħha u tal-poplu tagħha biex ittejjeb il-kompetittività tagħha. Xprunat approċċ ta' politika ġdid biex dan ikun jista' jitwettaq, b'enfasi fuq tlaqqiġ aħjar tal-ħtiġijiet u appoġġ lill-atturi kollha f'kull katina tal-valur, jew ekosistema industrijali². Biex tappoġġa dan, din saħqet fuq il-prinċipji fundamentali tal-industrija – l-innovazzjoni, il-kompetizzjoni u suq uniku b'saħħtu u li jiffunzjona tajjeb – u saħħet il-kompetittività dinjija tagħna bi swieq miftuħa u kundizzjonijiet ekwi.

L-għada li ġiet ippreżentata l-istrateġija industrijali l-ġdida, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa ħabbret il-COVID-19 bħala pandemija. Il-lockdowns u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku li kkawżat ħallew effett fuq il-komunitajiet u l-ekonomiji tal-UE, u fuq l-industriji u l-kumpaniji tagħha. Il-Kummissjoni u bosta oħrajn ħadu azzjoni malajr biex jindirizzaw l-impatti fuq in-negozji tal-Ewropa u jiżguraw il-fluss liberu tal-oġġetti u l-moviment tal-ħaddiema u tas-servizzi, l-aktar permezz tal-Korsiji Ħodor. Il-miżuri ta' emerġenza dwar ir-regoli fiskali, l-għajnuna mill-Istat u x-xogħol b'ħinijiet iqsar³ għenu biex jappoġġaw lill-aktar setturi u ħaddiema milquta u taffew l-impatt għall-kumpaniji, inkluż l-SMEs. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali baqa' l-boxxla tal-UE u tal-Istati Membri tagħha biex itaffu l-impatti soċjali.

Tul dan il-perjodu, rajna r-reżiljenza, l-inġenwità u l-adattabbiltà tal-industrija tal-UE iżda ġejna esposti wkoll għal vulnerabbiltajiet ġodda u għal dipendenzi u inugwaljanzi aktar antiki, kif ukoll għal inugwaljanzi soċjoekonomiċi u territorjali li jeħtieġ jiġu indirizzati. Il-kriżi ħarġet fid-dieher l-interdipendenza tal-ktajjen tal-valur dinjin u tal-valur ta' Suq Uniku integrat madwar id-dinja. Uriet ukoll il-ħtieġa li jitħaffef aktar il-pass tat-tranżizzjoni lejn mudell ekonomiku u industrijali aktar nadif, aktar diġitali u aktar reżiljenti, biex tibqa' u

¹ COM(2020) 102 final, https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/communication-eu-industrial-strategy-march-2020_en.pdf. "Il-Pakkett tal-Politika Industrijali 2020" jinkludi wkoll Strateġija ddedikata għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs; COM(2020) 103 final) u Azzjonijiet speċifiċi biex jindirizzaw l-ostakli għall-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku u jtejbu l-infurzar tar-regoli maqbula b'mod komuni, COM(2020) 93 final u COM(2020) 94 final.

² SWD(2021) 351, ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar is-Suq Uniku jidentifika l-14-il ekosistema industrijali li ġejjin: 1. Aġruppazju u difiża, 2. Agroalimentari, 3. Kostruzzjoni, 4. Industrijii Kulturali u Kreattivi, 5. Diġitali, 6. Elettronika, 7. Industrijii Intensivi fl-Enerġija, 8. Enerġija rinnovabbli, 9. Saħħa, 10. Mobbiltà, trasport, settur awtomobilistiku, 11. Prossimità, Ekonomija soċjali u Sigurtà ċivili, 12. Bejgħ bl-immnut, 13. Tessuti, 14. Turiżmu. Abbażi ta' djalogi mal-partijiet ikkonċernati u ta' reattajiet li qed jinbidlu, jaf ikun hemm bżonn jiġu identifikati aktar ekosistemi u jiġu delineati.

³ Attivazzjoni tal-Klawsola Liberatorja Ġenerali bir-Ritmu tal-Istabbiltà u t-Tkabbir, Qafas temporanju għal miżuri ta' għajnuna mill-Istat li jappoġġaw l-ekonomija waqt il-pandemija tal-COVID-19, strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad f'emerġenza (SURE), jew l-Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus.

tissaħħaħ l-ispinta tal-Ewropa lejn kompetittività sostenibbli. Din hija r-raġuni għalfejn il-President von der Leyen, fid-diskors tagħha dwar l-Istat tal-Unjoni Ewropea, ħabbret aġġornament tal-istrateġija industrijali tal-UE: biex nitgħallmu mill-kriżi, insaħħu r-reżiljenza ekonomika tagħna u nħaffu t-tranżizzjoni doppja, filwaqt li nħarsu u noħolqu l-impjiegi.

Il-punt tat-tluq għal dan l-aġġornament hu li jingħaraf l-impatt reali tas-sena l-oħra fuq l-ekonomija u l-industrija tal-Ewropa. L-ewwel analiżi u valutazzjoni tal-ħtiġijiet firxu l-pedamenti għall-pjan tal-irkupru tal-Ewropa, NextGenerationEU⁴, li – flimkien mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 – se jagħti appoġġ finanzjarju bla preċedent liċ-ċittadini u lill-kumpaniji tal-UE. Tħares minn fejn tħares, il-konklużjonijiet kienu ċari: kontrazzjoni ta' 6,3 % fl-ekonomija tal-UE fl-2020, telf kbir fil-fatturat u tnaqqis fl-impjiegi u fl-investment.

Sena wara, b'kawtela, jidhru xi sinjali ta' titjib⁵ u l-ekonomija tal-UE mistennija tikber ġmielha fl-2021 u fl-2022. Tjiebu wkoll il-prospetti għal irkupru malajr fil-kummerċ dinji, u għalhekk l-isfruttament sħiħ ta' dawn l-opportunitajiet kummerċjali se jikkontribwixxi parzjalment għall-irkupru tal-kumpaniji madwar l-Ewropa. Madankollu, it-tnaqqis kontinwu fil-pjanijiet tal-investment privat fuq perjodu qasir, u l-għadd dejjem akbar ta' kumpaniji b'saħħithom li qed iħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet sinifikanti ta' likwidità jurina li l-irkupru se jieħu fit-tul u jeħtieġ appoġġ kontinwu.

Biex dak l-appoġġ jiffassal bl-aħjar mod, il-Kummissjoni qed tibni fuq l-approċċ flessibbli bbażat fuq l-ekosistema deskritt fl-istrateġija tal-industrija tas-sena l-oħra. Bħala parti mill-ewwel Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku⁶, f'dan l-istadju ġew identifikati 14-il ekosistema industrijali u ġew analizzati l-ħtiġijiet u l-isfidi differenti tagħhom. Dan juri li l-impatt tal-kriżi – u l-prospetti għal irkupru u kompetittività mġedda – iwarjaw ġmielhom. Filwaqt li t-turiżmu ntlaqat l-aktar, u t-tessuti, il-mobbiltà u l-kumpaniji kulturali u kreattivi qed jiffaċċjaw irkupru aktar kwiet u aktar inugwali, l-ekosistema diġitali żiedet il-fatturat tagħha waqt il-kriżi. Anki n-negozji ż-żgħar qed jibqgħu jkunu aktar vulnerabbli, b'madwar 60 % jirrapportaw tnaqqis fil-fatturat fit-tieni nofs tal-2020⁷.

In-nisa, iż-żgħażaġħ u l-ħaddiema bl-inqas pagi ntlaqtu b'mod partikolari mill-kriżi, parzjalment għax dawn jirrappreżentaw maġġoranza kbira ta' impjegati fl-aktar setturi affettwati. Il-Kummissjoni qed tagħti attenzjoni partikolari lid-drittijiet u l-opportunitajiet indaqs għal irkupru inklużiv fis-setturi kollha. L-Ewropej huma fost l-assi ewlenin tagħha, u filwaqt li tindirizza d-diskrepanzi fil-ħiliet u l-inugwaljanzi, l-UE jenħtieġ tibni fuq il-qawwiet kollha tal-ħaddiema u tal-intraprendituri b'talent, b'edukazzjoni għolja u inventivi bħala forza għall-innovazzjoni u l-kompetittività.


Din l-analiżi u l-esperjenza tagħna waqt il-kriżi juru li l-prinċipji, il-prijoritajiet u l-azzjonijiet fl-istrateġija industrijali tal-Ewropa għadhom validi. Il-ħtieġa li tissaħħaħ l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Ewropa u l-approċċ il-ġdid ta' sħubija mal-industrija u ma' sħab internazzjonali simili saru ferm aktar akuti minn sena ilu. Irridu nibqgħu ffokati fuq l-elementi fundamentali deskritti sena ilu u nħaffu l-implimentazzjoni biex l-industrija tkun tista' taċċellera u tmexxi t-tranżizzjonijiet.

⁴ COM(2020) 456 final.

⁵ SWD(2021) 351, ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar is-Suq Uniku.

⁶ SWD(2021) 351, ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar is-Suq Uniku.

⁷ Il-Kummissjoni Ewropea/il-Bank Ċentrali Ewropew (Novembru 2020), "Survey on the access to finance of enterprises (SAFE)" (Stharriġ dwar l-aċċess għall-finanzjament tal-intrapriżi).



Grafika 1: Indikatur ta' Kunfidenza skont l-Ekosistema

Dan l-aġġornament la jissostitwixxi l-Istrateġija Industrijali tal-2020 u lanqas ma jlesti l-proċessi mnedija minnha – ħafna minn dak ix-xogħol għadu għaddej u jeħtieġ sforzi ddedikati. Dan hu aġġornament immirat, li jiffoka fuq dak li jeħtieġ isir aktar u fuq it-tagħlimiet li jeħtieġ jinsiltu. Jistħarreġ fejn is-Suq Uniku tagħna ġie ttestjat u ġġebbed u jipproponi miżuri li jsaħħu r-reżiljenza u l-funzjonament tiegħu. Jippreżenta valutazzjoni mfassla apposta tal-ħtiġijiet ta' kull ekosistema industrijali u kif l-atturi kollha tas-suq jistgħu jaħdmu flimkien bl-aħjar mod. U jidentifika sett ta' dipendenzi u kapaċitajiet strateġiċi u jipproponi miżuri li jindirizzawhom u jnaqqsuhom. B'hekk, dan l-aġġornament iwieġeb is-sejħiet tal-Kunsill Ewropew⁸, tal-Parlament Ewropew⁹, tal-Istati Membri¹⁰ u ta' partijiet ikkonċernati oħra għal analiżi tal-impatt tal-kriżi fuq il-politiki tagħna u għal soluzzjonijiet fejn meħtieġ.

Tliet Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal huma mehmuża mal-Komunikazzjoni. Dawn jirriflettu ċerti riżultati bikrija tal-Istrateġija Industrijali tal-2020 u joffru l-bażi analitika biex jiġu indirizzati talbiet bħal dawn:

- L-ewwel edizzjoni tar-**Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku**¹¹ tistabbilixxi l-impatt tal-kriżi fuq is-Suq Uniku, u tirrapporta dwar il-progress li sar b'rabta mal-ostakli u mal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet identifikati fil-Pakkett Industrijali tal-2020; tinkludi analiżi ta' kull waħda mill-14-il ekosistema industrijali; u tippreżenta sett ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni;
- Analiżi inizjali tad-**dipendenzi**¹² u **l-kapaċitajiet strateġiċi tal-UE**, b'rieżami fil-fond ta' bosta oqsma strateġiċi teknoloġiċi u industrijali;
- Saret analiżi illustrattiva ta' settur industrijali ewlieni wieħed li ffokat fuq l-isfidi u l-opportunitajiet għall-industrija u s-sett ta' għodod ta' politika tal-UE disponibbli **Lejn azzar Ewropew kompetittiv u nadif** b'appoġġ għat-tranżizzjoni doppja.

⁸ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Ottubru 2020, EUCO 13/20.

⁹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2020 dwar Strateġija Industrijali Ġdida għall-Ewropa, 2020/2076 (INI).

¹⁰ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kompetittività, il-11 ta' Settembru 2020, is-16 ta' Novembru 2020.

¹¹ SWD(2021) 351, ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar is-Suq Uniku.

¹² Bi tweġiba għat-talba tal-Kunsill Ewropew tat-2 ta' Ottubru 2020 biex jiġu identifikati dipendenzi strateġiċi, b'mod partikolari fl-aktar ekosistemi industrijali sensitivi u jiġu proposti miżuri li jnaqqsu dawn id-dipendenzi.

2. NISILTU T-TAGĦLIMIET U NĦAFFU T-TRANŻIZZJONIJIET

L-Ewropa għandha ħafna fuq xiex tibni u x'titgħallem miż-żmien ta' test li qed nesperjenzaw. Tul l-aħħar sena, rajna r-reżiljenza tas-Suq Uniku tagħna u l-aqwa tal-industrija. Abbażi tal-akkomunament tal-eċċellenza fix-xjenzi tal-ħajja, din kienet fuq quddiem nett fl-iżvilupp u fil-produzzjoni dinjin tal-vaċċin kontra l-COVID-19, l-aktar bl-Istrateġija tal-UE għall-Vaċċini u l-appoġġ tal-UE biex tiżdied il-kapaċità industrijali. Rajna kumpaniji jaqilbu l-produzzjoni biex ikunu jistgħu jissodisfaw ħtiġijiet urġenti, fosthom it-tagħmir protettiv personali, is-sanitizzaturi tal-idejn u l-produzzjoni tal-vaċċini. Kumpaniji oħrajn qalbu għall-kummerċ elettroniku mil-lejl għan-nhar jew użaw għodod diġitali biex isibu fornituri jew ktajjen tal-provvista ġodda. Minkejja tnaqqis sinifikanti fid-domanda għall-enerġija u l-impatti fuq l-operaturi kritiċi tal-enerġija, is-suq intern tal-enerġija aġġusta sew, mingħajr interruzzjonijiet fil-provvista tal-enerġija¹³.

Madankollu, dan ma kienx fattibbli għal kulħadd. Il-lockdown ġiegħlet lil ħafna negozji jieqfu, għalqet il-fruntieri, waqqfet ktajjen tal-provvista, fixklet id-domanda, u bosta ħaddiema u fornituri tas-servizzi ħabbtu wiċċhom ma' restrizzjonijiet fil-moviment liberu fl-Ewropa. Meta t-trakkijiet waqfu fil-fruntieri interni, dan uriena kemm huma integrati l-manifattura u l-ekonomija fl-Ewropa llum il-ġurnata. L-imblokki fil-fluss liberu tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-persuni affettwaw mill-qiegħ il-ktajjen tal-valur u l-attività ekonomika, dgħajfu s-solidarjetà Ewropea u xekklu rispons koordinat għall-kriżi. Il-provvisti weħlu fil-fruntieri, il-prezzijiet tal-merkanzija bl-ajru għolew għax bosta ajruplani ma tarux u l-iżbilanċi fil-flussi tal-kummerċ wasslu għal skarsezzi tal-kontejners bil-baħar.

Diġà nistgħu nisiltu xi tagħlimiet importanti:

Qabelxejn, il-kriżi enfasizzat il-**ħtieġa essenzjali li jitħalla l-moviment liberu tal-persuni, tal-oġġetti, tas-servizzi u tal-kapital fis-Suq Uniku** u l-ħtieġa li niġbdu ħabel wieħed biex tissaħħaħ ir-reżistenza tiegħu kontra l-interruzzjonijiet. Il-kontrolli u l-għeluq tal-fruntieri, u r-restrizzjonijiet nazzjonali jew reġjonali mhux ikkoordinati, u l-miżuri ta' konteniment li llimitaw il-moviment liberu tal-persuni, ħafna drabi soġġetti għal aġġustamenti frekwenti, komplew jaggravaw l-inċertezza u l-kostijiet tal-konformità, u dan wassal għal dewmien serju u interruzzjonijiet kbar fil-ktajjen tal-provvista f'ħafna ekosistemi industrijali. Il-korsiji ħodor u miżuri *ad hoc*¹⁴ oħra tal-UE taffew b'mod sinifikanti l-impatt potenzjalment dannuż ta' miżuri nazzjonali unilaterali u mhux ikkoordinati fis-Suq Uniku kollu. Anki **l-moviment liberu tas-servizzi** ġie affettwat bil-qawwa, inkluż bl-għeluq temporanju sfurzat ta' negozji mhux essenzjali, b'restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar, u b'nuqqas ta' ċarezza fejn jidħlu r-regoli applikabbli dwar il-moviment bejn il-fruntieri. Dan min-naħa tiegħu ħoloq diffikultajiet għall-ħaddiema transfruntieri u skarsezzi ta' ħaddiema tal-ħsad, biex insemmu xi wħud. Is-Suq Uniku fl-Ewropa jiddependi fuq forza tax-xoġhol mobbli u disponibbli ħafna.

It-tieni, dawn is-sitwazzjonijiet wasslu għal għarfien usa' tal-ħtieġa li **jiġu analizzati u indirizzati d-dipendenzi strateġiċi, kemm teknoloġiċi kif ukoll industrijali**. L-UE u s-šhab kummerċjali tagħha jiksbu reżiljenza jekk is-swieq dinjin ikunu miftuħa u integrati fil-ktajjen tal-valur dinjin, u dan jgħinhom jassorbu x-xokkijiet u jixprunaw l-irkupru¹⁵. Il-pandemija tal-

¹³ SWD(2020) 104, Is-sigurtà tal-enerġija: Prattiki tajba biex jiġu indirizzati r-riskji tal-pandemija.

¹⁴ Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat komuni fir-rigward tar-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar.

¹⁵ Il-ħidma analitika tal-OECD ikkonfermat li l-ktajjen tal-valur dinjin mhux biss jimmassimizzaw l-effiċjenza ekonomika, iżda li l-ktajjen tal-provvista reżiljenti huma essenzjali fi żminijiet ta' kriżi biex jassorbu x-

COVID-19 urietna li t-tfixkil fil-ktajjen tal-valur dinjin jista' jaffettwa prodotti u inputs essenzjali speċifiċi, bħall-provvisti mediċi, li huma partikolarment kritiċi għas-soċjetà u għall-ekonomija tal-UE. Waħda mit-tagħlimiet ewlenin tal-kriżi hi li jeħtieġ jinftiehemu aħjar id-dipendenzi strateġiċi attwali u futuri possibbli tal-Ewropa. Fuq dawn jissejjes l-iżvilupp ta' miżuri ta' politika bbażati fuq il-fatti, proporzjonati u mmirati biex jindirizzaw dipendenzi strateġiċi filwaqt li jissalvagwardjaw l-ekonomija tal-UE miftuħa, kompetittiva u bbażata fuq il-kummerċ. L-UE se tibqa' turi l-preferenza tagħha għal kooperazzjoni u djalogu internazzjonali, iżda anki r-rieda tagħha li tiġġieled kontra Prattiki Inġusti u Sussidji Barranin li jdgħajfu l-kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku.

Finalment, din is-sena mingħajr preċedent uriet li **l-argument kummerċjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali hu aktar b'saħtu minn qatt qabel**. Fi żmien medju, l-attività kummerċjali kollha se jkollha ssir sostenibbli, u l-COVID-19 se jħalli effett fuq ħafna xejriet tradizzjonali u jheżżeż id-drawwiet antiki, u għalhekk se jħaffef it-tranżizzjoni ekoloġika. L-isforzi li jiżguraw aċċess sigur u biżżejjed għal enerġija nadifa pprezzata b'mod kompetittiv madwar is-suq uniku se jkunu ċentri biex ikun żgurat li l-UE tisfrutta l-qawwiet industrijali tagħha filwaqt li ttwettaq din it-tranżizzjoni. Forza tax-xogħol b'ħiliet hi essenzjali biex ikun żgurat li jirnexxu t-tranżizzjonijiet, li jappoġġaw il-kompetittività tal-industrija Ewropea u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità. Id-diġitalizzazzjoni ħadet rwol strateġiku biex jissoktaw l-attivitajiet ekonomiċi u biddlet ferm u tassew il-mod kif jitmexxa n-negozju. L-ekonomiji, il-kumpaniji u l-impjegati tagħhom jissograw li jinqatgħu lura hekk kif it-tranżizzjoni taċċellera. Il-mudelli u t-teknoloġiji tan-negozju diġitali u ekoloġiċi taw vantaġġ lill-kumpaniji li diġà sfruttaw din it-tranżizzjoni meta mqabbla ma' dawk li ma sfruttawhiex, u l-kumpaniji li jixprunaw il-bidla se jibqgħu jgawdu l-vantaġġ kruċjali ta' min jibda l-ewwel. Iż-żieda fil-livelli tal-għarfien fost il-konsumaturi dwar din it-tranżizzjoni u ż-żieda fid-domanda għaliha huma wkoll opportunità li jeħtieġ tiġi ingranata.

Lesti ħafna għall-bidla. L-għan tagħna hu sostenibbiltà kompetittiva msejsa fuq teknoloġiji u servizzi ġodda, ħafna drabi diġitali. In-negozji huma fl-aħjar pożizzjoni biex jagħrfu kif se jsiru kompetittivi u pijunieri fis-settur tagħhom u biex isibu soluzzjonijiet għall-isfidi tagħhom. Meta meħtieġ, il-politika industrijali tagħna jenħtieġ imbagħad tibbenefika minn **forum aġli ta' sħubija pubblika privata** u minn **forum ġodda ta' kooperazzjoni** bejn is-setturi privati u pubbliċi biex jiħaffef it-twassil ta' soluzzjonijiet innovattivi li altrimenti ma kinux jinkisbu. Għal tranżizzjoni inklużiva, neħtieġ djalogu soċjali li jiffunzjona tajjeb.

xokkijiet, joffru għażliet biex jagġustaw u jhaffu l-irkupru. Cf. Shocks, risks and global value chains: insights from the OECD METRO model, Ġunju 2020.

Insegwu t-tendenzi industrijali u l-kompetittività

Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku jiddefinixxi sett ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni (KPIs), abbażi ta' sorsi tad-*data* disponibbli pubblikament, biex janalizza żviluppi ekonomiċi u jsegwi l-progress miksub, b'enfasi fuq il-kompetittività, l-integrazzjoni tas-Suq Uniku, l-SMEs, it-tranżizzjoni doppja, u r-reżiljenza ekonomika. Il-KPIs jipprovdu wkoll perspettiva progressiva bbażata fuq l-investment u indikatur tal-fiduċja, u jagħtu ħarsa ġenerali lejn il-prestazzjoni tal-ekonomija tal-UE, billi jqabbluha ma' ta' sħab internazzjonali u jistħarrġu l-ispeċifità tal-ekosistemi industrijali. L-analiżi ta' dawn l-indikaturi, li l-Kummissjoni se tagħmel regolarment, tista' tgħin biex tittieħed pożizzjoni strateġika dwar l-ekonomija tal-UE, jitbassru l-isfidi, u jiġu infurmati d-deċiżjonijiet ta' politika u dwar l-investment.

Minkejja li l-kriżi se tħalli implikazzjonijiet dejjiema, l-irkupru tal-UE beda. Għal diversi ekosistemi industrijali, il-fatturat kważi laħaq il-livelli ta' qabel il-COVID-19, anki jekk id-dinamika għadha kemxejn baxxa. Dehru wkoll sinjali pożittivi f'analiżi tas-sentiment ekonomiku, li f'April 2021 uriet titjib fl-ekosistemi kollha (ara l-Grafika 1). Madankollu, hu essenzjali li jibqa' jsir monitoraġġ tat-trajettorja tal-irkupru tal-ekosistemi kollha. Infatti d-*data* turi li għalkemm l-interventi pubbliċi kienu effettivi biex jillimitaw il-qgħad u l-fallimenti, żdied ir-riskju ta' żidiet f'daqqa fis-sensji u fl-insolvenzi.

B'sinerġija sħiħa mal-għodod eżistenti tal-monitoraġġ, fosthom it-Tabella ta' Valutazzjoni tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni se timmonitorja l-indikaturi ewlenin tal-kompetittività tal-ekonomija tal-UE kollha kemm hi, b'mod partikolari:


- **l-integrazzjoni tas-Suq Uniku**, abbażi ta' indikaturi dwar il-kummerċ intra-UE jew id-dispersjoni tal-prezzijiet madwar l-Istati Membri, biex tgħin fil-valutazzjoni tal-politiki li jrawmu ambjent favorevoli għan-negozju u għall-innovazzjoni.
- **it-tkabbir fil-produttività**, abbażi tal-produttività tax-xogħol.
- **il-kompetittività internazzjonali**, abbażi tas-sehem tal-UE fis-suq dinji jew tal-kummerċ barra mill-UE, biex tappoġġa politiki għal aċċess miftuħ u ġust għas-swieq tal-esportazzjoni.
- **l-investment pubbliku u privat**, abbażi ta' *data* dwar l-investment pubbliku nett u l-investment privat nett bħala persentaġġ tal-PDG, l-aktar biex tintwera t-trasformazzjoni potenzjali tal-ekonomija bi qbil mal-obiettivi tat-tranżizzjoni doppja.

3. INSAĦĦU R-REŻILJENZA TAS-SUQ UNIKU

Nattrezzaw aħjar lis-Suq Uniku għall-kriżijiet

Is-Suq Uniku hu l-aktar assi importanti tal-UE, li joffri ċertezza, skala u jagħti spinta dinjija lill-kumpaniji tagħna, u disponibbiltà wiesgħa ta' prodotti ta' kwalità għall-konsumaturi. Iżda dan l-assi ma jistax jitqies bħala ovvju. B'mod partikolari, fl-ewwel jiem tal-pandemija, in-negozji u ċ-ċittadini sofrew minħabba għeluq tal-fruntieri, interruzzjonijiet fil-provvista u nuqqas ta' prevedibbiltà.

Minkejja s-siwi tal-għodod eżistenti tas-Suq Uniku, il-kriżi wriet li dawn jistgħu jittejjbu għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza. Kif ħabbret il-President von der Leyen fi Frar 2021¹⁶, il-Kummissjoni se tipproponi **Strument għas-Suq Uniku f'Emerġenza** biex jipprovdi soluzzjoni strutturali li tiżgura d-disponibbiltà u l-moviment liberu tal-persuni, tal-oġġetti u tas-servizzi fil-kuntest ta' kriżijiet futuri possibbli. Dan l-istrument għandu jiżgura aktar kondivizzjoni tal-informazzjoni, koordinazzjoni u solidarjetà meta l-Istati Membri jadottaw miżuri relatati mal-kriżi. Se jgħin biex jittaffew l-impatti negattivi fuq is-Suq Uniku, inkluż billi tiġi żgurata governanza aktar effettiva. Jenħtieġ jibni wkoll mekkaniżmu li permezz tiegħu l-Ewropa tkun tista' tindirizza l-iskarsezzi kritiċi tal-prodotti billi tħaffef id-disponibbiltà tal-prodott (eż. l-istabiliment u l-kondivizzjoni ta' standards, valutazzjoni rapida tal-konformità) u ssaħħa il-kooperazzjoni fl-akkwist pubbliku. Dan se jkun allinjat ma' inizjattivi ta' politika rilevanti bħall-proposta li ġejja biex titwaqqaf Awtorità Ewropea ta' Tħejjija u Reazzjoni għall-Emerġenzi tas-Saħħa (HERA), u l-Pjan ta' Kontinġenza għat-Trasport u l-Mobbiltà li jmiss u l-prattika internazzjonali rilevanti li għandha l-għan tindirizza s-sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew tiżgura u tħaffef id-disponibbiltà tal-prodotti essenzjali.



Grafika 2 Elementi ewlenin tal-Istrument għas-Suq Uniku f'Emerġenza

Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb biex jitħaffef l-irkupru

Is-sena l-oħra kkonfermat mill-ġdid il-ħtieġa li jitneħħew l-ostakli persistenti u sinifikanti li jxekklu l-funzjonament tajjeb tas-Suq Uniku¹⁷. Il-ħidma favur Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb titlob sforzi bla heda fuq diversi fronti:

¹⁶ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/speech_21_745.

¹⁷ Ara SWD(2020) 54 final u SWD(2021) 351, ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar is-Suq Uniku.

- Ġestjoni permanenti ta' konformità effettiva mar-regoli eżistenti tas-suq uniku;
- Investment kontinwu fl-approfondiment tal-integrazzjoni fl-oqsma bl-akbar opportunitajiet;
- Adattament ta' approċċi ta' politika eżistenti, meta ġustifikat;
- Strateġiji ġodda, meta meħtieġ, pereżempju biex jakkumpanjaw it-tranżizzjonijiet doppji.

Filwaqt li l-Kummissjoni se twettaq valutazzjonijiet rikorrenti tal-ostakli ewlenin f'kull ekosistema bħala parti mir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku tagħha, is-settur tas-servizzi jistħoqqlu attenzjoni partikolari minħabba d-daqs tiegħu¹⁸, l-interazzjoni mal-oġġetti u n-natura tal-ekosistema trasversali tiegħu.

Qed isir sforz ġdid biex jiġu indirizzati r-restrizzjonijiet u l-ostakli, b'mod partikolari permezz tat-**Task Force għall-Infurzar fis-Suq Uniku (SMET)**¹⁹ u azzjonijiet rilevanti oħra²⁰. Il-progress mexxa bil-mod wisq tul dawn l-aħħar snin f'diversi oqsma ewlenin, b'mod partikolari s-servizzi. L-infurzar sħiħ tad-**Direttiva dwar is-Servizzi** se jiżgura li l-Istati Membri jikkonformaw mal-obbligi eżistenti tagħhom, inkluż l-obbligu ta' notifika biex jiġu identifikati u eliminati ostakli regolatorji potenzjali ġodda.

Is-servizzi tan-negozju bħall-ingerija, l-arkitettura, l-IT u s-servizzi legali, jikkontribwixxu sa 11 % tal-PDG tal-UE u huma fatturi essenzjali tal-kompetittività għall-kumpaniji. Iżda dawn jinżammu lura minħabba regoli nazzjonali restrittivi, bħal pereżempju rekwiżiti stretti għad-dħul u l-eżerċizzju²¹. Filwaqt li l-istandards tal-prodotti Ewropej kisbu benefiċċji kbar għall-kumpaniji u l-konsumaturi, żiedu l-kwalità u s-sikurezza, tejbu t-trasparenza, naqqsu l-kostijiet u fetħu swieq għan-negozji, l-istandards Ewropej tas-servizzi jammontaw biss għal madwar 2 % tal-istandards kollha. L-istandards tas-servizz jistabbilixxu rekwiżiti tekniċi, eż. livelli ta' kwalità, prestazzjoni, interoperabbiltà, protezzjoni ambjentali, protezzjoni tas-saħħa jew sikurezza. Dawn jistgħu jżidu l-fiduċja tal-konsumaturi u jintegraw aktar is-swieq tas-servizzi Ewropej. Jistgħu jgħinu biex jingħelbu l-ostakli minħabba rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni nazzjonali differenti. Il-Kummissjoni se tesplora l-merti ta' **proposta leġiżlattiva għal regolamentazzjoni ta' servizzi kummerċjali ewlenin bl-appoġġ ta' standards armonizzati**, billi qabelxejn twettaq valutazzjoni tal-aktar oqsma pertinenti tas-servizzi tan-negozju fejn standards armonizzati jistgħu jżidu l-valur.²²

Filwaqt li l-leġiżlazzjoni tal-UE tiżgura sett ta' drittijiet u kundizzjonijiet tax-xogħol obligatorji li jridu jiġu applikati għall-ħaddiema stazzjonati fl-UE kollha, ir-rispons min-naħa tal-partijiet ikkonċernati jenfasizza b'mod konsistenti d-diffikultajiet amministrattivi bl-**istazzjonar tal-ħaddiema**. Il-kumpaniji jistgħu jsibuha diffiċli biex jibagħtu inġiniera jew persunal tekniku lil negozji jew utenti finali fi Stat Membru ieħor, pereżempju fis-settur tal-

¹⁸ Dan jirrappreżenta 70 % tal-PDG tal-UE u sehem ekwivalenti ta' impjegi.

¹⁹ L-SMET hu l-forum ta' livell għoli għal kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri biex jinstabu soluzzjonijiet għall-ostakli tas-Suq Uniku kkawżati minħabba nuqqasijiet fl-infurzar jew fl-implimentazzjoni. Tul din l-ewwel sena, dan qeda rwol importanti fil-valutazzjoni tal-miżuri tal-Istati Membri dwar il-fruntieri u l-miżuri dwar ir-restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar li jillimitaw il-moviment liberu fl-UE.

²⁰ SWD(2021) 351, ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar is-Suq Uniku, l-Anness I.

²¹ SWD(2021) 351, ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar is-Suq Uniku u COM(2020) 93.

²² Biex jingħarfu l-oqsma ta' prijorità jeħtieġ issir analiżi bir-reqqa tal-potenzjal tal-istandards armonizzati biex jiffaċilitaw l-attivitatiet transfruntieri, tal-potenzjal tas-suq u l-ftuħ tas-suq, u tal-benefiċċju ekonomiku ġenerali, inkluż għall-SMEs u l-intraprendituri nisa. L-impatti fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol u d-drittijiet tal-ħaddiema se jkun soġġetti għal kunsiderazzjonijiet bir-reqqa.

kostruzzjoni. Il-Kummissjoni se tkompli taħdem mal-Istati Membri biex tiżgura li d-Direttiva dwar l-Infurzar tal-Istazzjonar tal-Ħaddiema tiġi trasposta u implimentata kif suppost²³. Mingħajr ma tikkomprometti l-qafas legali u l-protezzjoni tal-ħaddiema li tiżgura, il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex tfassal **formola komuni b'format elettroniku**, għad-dikjarazzjoni tal-istazzjonar tal-ħaddiema. Din il-Formola Diġitali Unika tista' għall-ewwel tiddaħħal b'mod volontarju.

Il-kriżi enfasizzat ukoll li **sorveljanza effettiva tas-suq** hi kruċjali, peress li l-awtoritajiet tal-Istati Membri qed jiffaċċjaw kulma jmur prodotti perikolużi u mhux konformi. Dan kien il-każ b'mod partikolari għal xi tagħmir tal-protezzjoni personali u apparat mediku b'domanda qawwija. Għaldaqstant, it-tiżhij tal-koordinazzjoni, tal-investment, tar-riżorsi u tad-diġitalizzazzjoni tal-awtoritajiet – kemm fis-Suq Uniku u anki fil-fruntieri tal-Unjoni – hu prijorità²⁴. Il-Kummissjoni se tappoġġa u tħeġġeġ lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex iżidu d-**diġitalizzazzjoni tal-ispezzjonijiet tal-prodotti u l-għbir tad-data** u l-użu tal-aħħar teknoloġiji biex jinqabdu l-prodotti perikolużi u li ma jkunux konformi, kif tħabbar fil-Pjan ta' Azzjoni għall-Infurzar fis-Suq Uniku. L-investment fid-diġitalizzazzjoni tal-informazzjoni dwar is-sikurezza u l-konformità tal-prodotti hu importanti wkoll biex jitjiebu t-traċċabbiltà u l-kontroll tal-prodotti nnegozjati. Barra minn hekk, hemm bżonn jissawru kapaċitajiet apposta ħalli jkunu żgurati kontrolli effettivi u effiċjenti.

Bħala mezz primarju ta' innovazzjoni fid-diversi ekosistemi, wieħed jeħtieġ iżomm f'moħħu lill-SMEs f'kull azzjoni ta' din l-Istrateġija. Dan hu rifless b'mod orizzontali b'aktar attenzjoni lill-piż regolatorju permezz tal-approċċ rivedut tal-Kummissjoni għal Regolamentazzjoni Aħjar: bl-introduzzjoni ta' approċċ “wieħed ġewwa, wieħed barra” adattat għat-tfassil tal-politika fl-UE, tiżdied l-attenzjoni ta' dawk li jfasslu l-politika għall-implikazzjonijiet u l-kostijiet tal-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni, speċjalment għall-SMEs²⁵.

Fl-Istrateġija għall-SMEs, il-Kummissjoni saħqet fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ il-ġustizzja fir-relazzjonijiet bejn in-negozji (B2B) ħalli jiġu appoġġati l-SMEs li minħabba asimetriji fis-setgħa tan-negozjar ma' organizzazzjonijiet akbar ikollhom riskju akbar li jkunu soġġetti għal Prattiki kummerċjali u kundizzjonijiet iġusti online u offline. B'mod partikolari, il-kriżi wriet l-importanza u l-ħtieġa tal-**kummerċ elettroniku**. Għall-ewwel darba, l-Att dwar is-Servizzi Diġitali jipproponi sett komuni ta' regoli dwar l-obbligi u l-akkontabbiltà tal-intermedjarji fis-Suq Uniku kollu, li se jiftaħ opportunitajiet għan-negozji kollha, inkluż l-SMEs u jiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-utenti kollha. Bl-istess mod, l-Att dwar is-Swieq Diġitali jipproponi regoli armonizzati li jiddefinixxu u jipprojbixxu ċerti Prattiki mill-pjattaformi li jaġixxu bħala “gwardjani” diġitali li jistgħu jwaqqfu jew ixekklu lil servizzi prezzjużi u innovattivi milli jaslu għand il-konsumaturi, ħalli tiġi promossa kompetizzjoni effettiva fis-swieq diġitali, b'mod partikolari ambjent ta' pjattaforma online kontestabbli u ġust, u b'hekk jiġi żgurat il-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku. Il-Kummissjoni tħeġġeġ lill-koleġiżlaturi biex iħaffu l-ħidma ħalli ssir adozzjoni mingħajr dewmien.

L-aġir ta' pagamenti tard kompla jaggrava tul il-kriżi, u dan ikompli jixħet piżijiet fuq l-SMEs. L-**Osservatorju tal-UE tal-ħlasijiet tard**, li jimmonitorja l-Prattiki iġusti ta'

²³ COM(2019) 426 final.

²⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011.

²⁵ COM(2021) 219 Better Regulation: Joining forces to make better laws, https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/better_regulation_joining_forces_to_make_better_laws_en_0.pdf

pagament²⁶ u jistħarreġ kif il-pagamenti tard jinfirxu tul il-katina tal-provvista, se jestendi ħidmitu fuq l-ekosistema tal-kostruzzjoni lejn oqsma oħra. Biex tindirizza l-prattiki inġusti ta' pagament li jaggravaw id-dewmien fil-pagamenti u li spiss iwasslu għal tilwim fit-tul²⁷, il-Kummissjoni se tfassal u timplimenta skemi pilota ta' Soluzzjoni Alternattiva għat-Tilwim.

Il-pressjoni finanzjarja u l-insolvenzi aktarx jiżdiedu fl-2021 hekk kif gradwalment titneħħa l-eżenzjoni²⁸. B'mod partikolari għall-SMEs, jistgħu jiżdiedu r-riskju ta' ingranaġgħ żejjed u l-ħtieġa għal rikapitalizzazzjoni. Żieda fil-fallimenti tista' tħalli impatt sinifikanti fuq il-ktajjen tal-provvista kollha. Għaldaqstant hemm bżonn koordinazzjoni u tfassil ta' miżuri li jkunu proporzjonati għall-isfidi li ġejjin. Il-Kummissjoni hi determinata li timmobilizza investment sinifikanti, u t-tieqa għall-SMEs f'InvestEU tista' tiskatta investment ta' EUR 45 biljun fl-SMEs sa tmiem l-2023.

Biex tgħin tindirizza r-riskju ta' **solvenza** li jaffettwa lill-SMEs, il-Kummissjoni se tiffaċilita skambju ta' Prattiki tajba dwar miżuri u inċentivi li hađu diversi Stati Membri ħalli l-appoġġ ikun immirat fuq kumpaniji vijabbli. Il-Kummissjoni qed taħdem fuq appoġġ kapitali apposta għall-SMEs²⁹ permezz tal-prodotti finanzjarji ta' InvestEU, u qed tistieden lill-Istati Membri jikkontribwixxu għal sforzi fl-UE kollha. REACT-EU tkompli tipprovdi appoġġ immirat lill-SMEs.

Hemm bosta possibiltajiet għall-Istati Membri biex jipprovdu appoġġ ta' ekwità bi **skemi ta' appoġġ nazzjonali** ħalli jsaħħu s-solvenza u t-tkabbir ta' SMEs u kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja innovattivi skont ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat, inkluż il-Qafas Temporanju tal-ghajjnuna mill-Istat. Pereżempju, fost dawn hemm skemi li jipprovdu garanziji pubbliċi fuq fondi ta' investment privati u dan abbażi tal-idea li l-Istat, minflok ma jipprovdi l-kapital innifsu, jagħti garanzija biex jiġi attirat il-finanzjament privat. Inkella, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jagħtu ċerti strumenti ripagabbli, li mbaġhad jistgħu jissarrfu f'għotjiet, skont l-irkupru tal-kumpaniji u l-abbiltà tagħhom li jħallsu lura.

Il-Kummissjoni se tkompli tagħmel progress biex tipprovdi suq uniku għall-kapital. Ngħidu aħna, il-Kummissjoni qed tħaffef il-ħidma fuq il-finanzjament tal-ekwità għall-SMEs, inkluż li żżid l-appoġġ biex jitwessa' l-kapital, l-investimenti strateġiċi u għal Offerti Pubbliċi Inizjali (IPO). Dik il-ħidma se jwassal għal investimenti f'teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali fl-istadji kollha tal-ħajja tal-SMEs, minn meta jiftħu sal-istadju tat-tkabbir u l-espansjoni, u sal-ħruġ fis-swieq pubbliċi. Fond ta' IPO pubbliku privat ġdid se jappoġġa lill-SMEs u lill-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja tul u wara l-proċess tal-elenkar³⁰. Fit-tieni nofs tal-2021, il-grupp tal-BEI se jippubblika sejħiet għal timijiet interessati fil-ġestjoni tal-fondi.

²⁶ Waħda mill-kawżi ewlenin tad-dewmien fil-pagamenti.

²⁷ Skont l-Osservatorju, l-ekosistema tal-kostruzzjoni tal-UE għandha l-aktar tilwim li jieħu fit-tul fid-dinja (medja ta' 20 xahar biex tissolva tilwima).

²⁸ L-istimi jissuġġerixxu li 11,4 % tal-kumpaniji kollha aktarx jagħlqu hekk kif jieqaf l-appoġġ u ma jirmexxilhomx jiksbu kreditu minn sorsi ġodda. SWD(2021) 351, ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar is-Suq Uniku.

²⁹ Li, skont l-Artikolu 3(1)(g) tar-Regolament InvestEU, intlaqtu ħażin mill-kriżi tal-COVID-19 u ma kinux f'diffikultà mil-lat ta' ghajjnuna mill-Istat fi tmiem l-2019.

³⁰ Studju tal-Kummissjoni Ewropea msejjaħ "A Public-Private Fund to Support the EU IPO Market for SMEs" u li jinsab hawn: https://ec.europa.eu/info/evaluation-reports-economic-and-financial-affairs-policies-and-spending-activities_en jissuġġerixxi Fond tal-IPO pubbliku privat b'investment pubbliku ta' madwar EUR 740 miljun jista' jżid l-IPOs tal-SMEs u tal-kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja fl-Ewropa b'10 %.

Anki t-tassazzjoni taqdi rwol kritiku biex niżguraw il-ġustizzja u t-tkabbir: il-Komunikazzjoni li jmiss dwar “It-Tassazzjoni tan-Negozju għas-seklu 21” se tistabbilixxi pjanijiet konkreti biex tappoġġa ż-żewġ objettivi, inkluż miżuri konkreti għall-SMEs.

Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE taqdi rwol ewlieni biex jinżammu kundizzjonijiet ekwi u hi wieħed mill-akbar assi tagħna biex niżguraw Suq Uniku li jappoġġa lill-kumpaniji biex jinnovaw u jikbru. Il-preservazzjoni tal-kompetizzjoni fis-Suq Uniku tikkontribwixxi għar-reżiljenza u l-kompetittività tal-kumpaniji tagħna fis-swieq dinjin. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja wkoll l-applikazzjoni tal-Qafas Temporanju tal-ġhajjnuna mill-Istat (estiż sa tmiem l-2021) u l-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ ġhajjnuna mill-Istat relatati mal-COVID-19, b’rieżami ħalli meta s-sitwazzjoni tippermetti, jitneħħew gradwalment il-miżuri ta’ appoġġ għall-kriżijiet b’mod li jkunu evitati effetti ta’ preċipizju.

AZZJONIJIET EWLENIN	TWAQQIT
Strument għas-Suq Uniku f’Emerġenza	Q1 2022
Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku	Annwali
Formola/mudell komuni possibbli għad-dikjarazzjoni tal-istazzjonar tal-ħaddiema	Q1 2022
Tissaħħaħ is-sorveljanza tas-Suq Uniku tal-prodotti tal-UE u dawk importati	Q4 2022
Permezz ta’ InvestEU, issir ħidma fuq l-appoġġ kapitali u l-finanzjament tal-ekwità biex jiġu appoġġati l-SMEs	għaddejjja

4. NINDIRIZZAW ID-DIPENDENZI: AWTONOMIJA STRATEĠIKA MIFTUĦA FIL-PRATTIKA

Il-ftuħ għall-kummerċ u għall-investiment hu vantaġġ u sors ta’ tkabbir u reżiljenza għall-UE, bħala importatur u esportatur ewlieni. Madankollu, il-COVID-19 ħalliet impatt negattiv fuq il-ktajjen tal-provvista dinjin u wasslet għal skarsezzi fl-Ewropa. Kif tenfasizza l-Istrateġija Industrijali tal-2020, l-UE jeħtieġ ittejjeb l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha f’oqsma ewlenin³¹.

Il-kriżi kompliet tenfasizza l-ħtieġa li tissaħħaħ l-**abbiltà tal-UE li taffronta kriżi u taġixxi kif meħtieġ**. It-tfixkil tul il-katina tal-provvista tal-ekosistema tas-saħħa kien partikolarment diffiċli, minħabba taħlita ta’ domanda dejjem akbar u skarsezzi fil-provvista u fil-forza tax-xogħol, minkejja r-rispons proattiv tal-UE biex tiżgura li r-rotot tat-trasport u l-ktajjen tal-provvista (dinjin) jibqgħu miftuħa u siguri kemm jista’ jkun. Xi sfidi aktar riċenti, bħall-iskarsezzi fis-semikondutturi li ffaċċjat l-industrija awtomobilistika, urew li l-Ewropa għandha bosta dipendenzi speċifiċi oħra. Il-pandemija aċċellerat din is-sensibilizzazzjoni u ġiegħlet lil pajjiżi bħall-Istati Uniti³² biex jirrieżaminaw il-pożizzjonijiet tagħhom fil-ktajjen tal-valur dinjin.

L-UE għandha wkoll qawwiet u kapaċitajiet importanti. Bħalma l-UE qed tiffaċċja ċerti dipendenzi, hemm pajjiżi oħra li jiddependu fuq l-UE (“dipendenzi bil-kontra”). Id-dipendenzi reċiproċi jistgħu jkunu element ta’ stabbiltà fil-ktajjen tal-valur dinjin. L-UE tikkondividi wkoll dipendenzi barranin mas-sħab tagħna (“dipendenzi komuni”). Dawn

³¹ Ir-Rapport ta’ Prospettiva Strateġika għall-2021 tal-Kummissjoni se jipprovdi wkoll perspettiva fuq terminu twil u trażversali dwar it-tisħiħ tal-awtonomija strateġika miftuħa tal-Ewropa.

³² “Executive Order on America’s Supply Chains”.


jipprovdu opportunitajiet għall-bini ta' kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma biex jinstabu soluzzjonijiet ta' benefiċċju reċiproku.

Nimmappjaw id-dipendenzi strateġiċi u l-kapaċitajiet tagħna

Uħud mill-interruzzjonijiet ġew fuq l-Ewropa għal għarrieda, u dan juri li jeħtieġ **nifhmu aħjar fejn jinsabu d-dipendenzi strateġiċi tagħna**, kif jistgħu jiżviluppaw fil-futur u sa liema punt iwasslu għal vulnerabbiltajiet għall-UE. Dawn id-dipendenzi strateġiċi jaffettwaw l-interessi ewlenin tal-UE, b'mod partikolari fejn jidħlu s-saħħa³³, is-sigurtà u s-sikurezza u l-aċċess għal inputs u teknoloġiji ewlenin meħtieġa għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Bi tweġiba għat-talba tal-Kunsill Ewropew, il-Kummissjoni wettqet “analiżi minn isfel għal fuq” abbażi ta' *data* kummerċjali li tipprovdi l-ewwel għarfien dwar l-ambitu tal-kwistjonijiet involuti. Minn fost 5 200 prodott importat fl-UE, l-analiżi tidentifika 137 prodott (jiġifieri 6 % tal-valur totali tal-importazzjoni tal-UE) f'ekosistemi sensitivi li l-UE tiddependi ħafna fuqhom – l-aktar fl-industriji intensivi fl-enerġija (bħall-materja prima³⁴) u fl-ekosistemi tas-saħħa (bħal ingredjenti farmaċewtiċi attivi) u li jikkonċernaw prodotti oħra rilevanti li jappoġġaw it-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali.

Madwar nofs l-importazzjonijiet għal dawn il-prodotti dipendenti joriġinaw miċ-Ċina, u mbagħad mill-Vjetnam u mill-Brażil. Iżda 34 prodott (jiġifieri 0,6 % tal-valur totali tal-importazzjoni tal-UE) huma potenzjalment aktar vulnerabbli minħabba l-potenzjal possibbilment baxx tagħhom għal aktar diversifikazzjoni u sostituzzjoni bil-produzzjoni tal-UE. Madwar 20 minn dawn il-prodotti huma materja prima u sustanzi kimiċi li jappartjenu għall-ekosistema tal-industriji intensivi fl-enerġija, bil-maġġoranza tal-prodotti li jifdal jappartjenu għall-ekosistema tas-saħħa (bħall-ingredjenti farmaċewtiċi attivi u prodotti oħra relatati mas-saħħa). L-analiżi turi wkoll sfidi u dipendenzi fil-qasam tat-teknoloġiji avvanzati bħall-cloud computing u l-mikroelektronika, l-aktar marbutin mal-istruttura tas-suq dinji.



L-analiżi tenfasizza wkoll il-kwistjoni ta' dipendenzi interni possibbli fis-Suq Uniku, relatati ma' konċentrazzjoni ta' attivitajiet fil-livell ta' ditti individwali. F'dawn il-każijiet, il-politika

³³ L-Istrateġija Farmaċewtika għall-Ewropa tippredvi azzjonijiet li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet fir-rigward tal-provvista tal-mediċini (COM/2020/761).

³⁴ Sas-sajf tal-2021, il-Kummissjoni se tippubblica analiżi dettaljata addizzjonali dwar ktajjen tal-provvista kritiċi għas-settur tal-enerġija. Din l-analiżi tenfasizza li l-materja prima kritika u l-materja pproċessata huma essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-enerġija u s-suċċess tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa.

tal-kompetizzjoni u l-infurzar tal-UE jistgħu jaqdu rwol ewlieni biex jiġu indirizzati r-riskji possibbli relatati ma' dawn id-dipendenzi interni, billi jiżguraw li s-swieq jibqgħu miftuħa u kontestabbli.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal³⁵ meħmuż ma' dan l-aġġornament jippreżenta sitt **rieżamijiet fil-fond ta' oqsma strateġiċi**, jiġifieri dwar **il-materja prima, il-batteriji, l-ingredjenti farmaċewtiċi attivi, l-idroġenu, is-semikondutturi u t-teknoloġiji cloud u edge**, u jipprovdu aktar għarfien dwar l-orijini tad-dipendenzi strateġiċi u l-impatt tagħhom. Il-Kummissjoni se timpenja ruħha mal-Istati Membri, mal-industrija u mas-šhab soċjali, inkluż bl-appoġġ tal-Forum Industrijali jew bid-Djalogu Strutturat dwar is-sigurtà tal-provvista tal-mediċini³⁶ u l-istrateġija farmaċewtika, ħalli tfannad din l-analiżi u tindirizza iżjed id-dipendenzi strateġiċi identifikati.

Il-Kummissjoni se tnedi **t-tieni stadju ta' rieżamijiet fil-fond** tad-dipendenzi potenzjali f'oqsma ewlenin, inkluż il-prodotti, is-servizzi jew t-teknoloġiji essenzjali għat-tranżizzjoni doppja, bħas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin tal-enerġija u ċ-ċibersigurtà. Barra minn hekk, sistema ta' monitoraġġ permezz tal-Osservatorju tat-Teknoloġiji Kritiċi³⁷ tal-Kummissjoni u proċess ta' rieżami perjodiku se jkopru kemm id-dipendenzi attwali kif ukoll ir-riskji ta' dipendenzi (teknoloġiċi) futuri.

Noħolqu sett ta' għodod biex jonqsu u jiġu evitati d-dipendenzi strateġiċi

F'ħafna mill-każijiet, l-industrija nnifisha tkun fl-aħjar pożizzjoni – permezz tal-politiki u d-deċiżjonijiet korporattivi tagħha – biex ittejjeb ir-reżiljenza u tnaqqas xi dipendenzi li jistgħu jwasslu għal vulnerabbiltajiet, inkluż bid-diversifikazzjoni tal-fornituri, b'aktar użu tal-materja prima sekondarja, u bis-sostituzzjoni b'materjali input oħrajn. Iżda xi drabi l-konċentrazzjoni tal-produzzjoni jew tal-kisba f'żona ġeografika waħda biss twassal għal nuqqas ta' disponibbiltà ta' forniture alternattivi.

F'oqsma ta' importanza strateġika, il-Kummissjoni qed tidentifika miżuri ta' politika pubblika li jistgħu jappoġġaw l-isforzi tal-industrija biex tindirizza dawn id-dipendenzi u tiżviluppa ħtiġijiet ta' kapaċità strateġika: diversifikazzjoni tal-provvista u tad-domanda li jiddependu fuq šhab kummerċjali differenti kull meta jkun possibbli, iżda anki ħżin u aġir awtonomu kull meta jkun meħtieġ. Dawn il-miżuri ġeneralment jenħtieġ ikunu bbażati fuq **taħlita ta' azzjonijiet**, immirati u proporzjonati għall-ħtiġijiet tal-ekosistemi u r-riskji identifikati. Il-Kummissjoni se taħdem id f'id mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex tidentifika miżuri li jsaħħu l-pożizzjoni tal-UE fil-ktajjen tal-valur dinjin, inkluż billi jsaħħu u jdiversifikaw il-kummerċ estern, u jinħolqu opportunitajiet ġodda għall-pajjiżi b'introjtu baxx u medju. Anki ekonomija aktar ċirkolari u titjib fl-effiċjenza tar-riżorsi jikkontribwixxu biex jonqsu d-dipendenzi u tissaħħaħ ir-reżiljenza. Barra minn hekk, dawn il-miżuri jenħtieġ jippermettu lill-UE ssaħħaħ il-kapaċità tagħha stess, abbażi tal-qawwiet ta' Suq Uniku li jiffunzjona bis-ših bi swieq miftuħa u kompetittivi. Din tingrana r-relazzjonijiet privileġġati tagħha mal-eqreb ġirien tagħha – b'mod partikolari dawk diġà involuti fil-konverġenza regolatorja mal-UE.

³⁵ SWD dwar Dipendenzi u kapaċitajiet strateġiċi, SWD(2021) 352.

³⁶ https://ec.europa.eu/health/human-use/strategy/dialogue_medicines-supply_en.

³⁷ COM(2021) 70, il-Pjan ta' Azzjoni għas-sinerġiji bejn l-industriji ċivili, tad-difiża u spazjali.

Il-Kummissjoni, kif deskritt fir-Rieżami tal-Politika Kummerċjali tagħha³⁸, se taħdem biex tiddiversifika l-ktajjen tal-provvista internazzjonali u **tibni sħubijiet internazzjonali** biex iżżid it-tnejn.

Fl-oqsma ta' dipendenzi komuni ma' shabha³⁹, l-UE tista' tagħżel li tagħmel akkomunament tar-riżorsi u tibni ktajjen tal-provvista alternattivi aktar b'saħħithom u aktar diversi mal-eqreb alleati u sħab tagħna. Ir-relazzjoni transatlantika u l-politika tat-tkabbir u tal-vcinat huma pedamenti għal dawn l-isforzi, u daqstant ieħor huma l-Ftehimiet ta' Kummerċ Fieles ma' sħab u blokko kummerċjali oħra. Dwar tal-ewwel, il-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija propost bejn l-UE u l-Istati Uniti jista' jipprovdi pjattaforma għall-kooperazzjoni.

Il-Kummissjoni se teżamina wkoll aktar dipendenzi bil-kontra u timmappja oqsma fejn xi pajjiżi oħra jiddependu fuq l-UE. Jekk nifhmu aktar fil-fond dawn l-interdipendenzi, irrispons ta' politika tal-UE jkun infurmat aħjar.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa **alleanzi industrijali**, f'oqsma strateġiċi fejn dawn l-alleanzi jitqiesu bħala l-aħjar għodda biex jitħaffu l-attivitajiet li altrimenti ma jgħux żviluppata, u fejn jgħinu biex jattiraw investituri privati biex jiddiskutu sħubijiet u mudelli kummerċjali għodda b'mod li jkun miftuħ, trasparenti u konformi bis-sħiħ mar-regoli tal-kompetizzjoni, u fejn hemm il-potenzjal ta' innovazzjoni u ħolqien ta' impjiegi ta' valur għoli. Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-inklużività tal-alleanzi, għan-negozji għodda u għall-SMEs. Dawn l-alleanzi jenħtieġ jikkumplimentaw is-sħubijiet pubbliċi privati⁴⁰ u jipprovdu pjattaforma wiesgħa u miftuħa biex jinħolqu pjanijiet direzzjonali strateġiċi u koordinazzjoni effiċjenti ta' pjanijiet ta' investiment fir-riċerka, fl-iżvilupp u fl-innovazzjoni għal teknoloġiji f'ekosistemi partikolari. Fi tlieta mis-sitt oqsma li dwarhom il-Kummissjoni qed tippreżenta rieżamijiet fil-fond ma' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni diġà nediet alleanzi industrijali: dwar il-materja prima, il-batteriji u l-idroġenu.

Minn din l-esperjenza pożittiva, il-Kummissjoni qed tħejji t-tnedija taż-żewġ alleanzi li diġà tħabbu fl-Istrateġija Industrijali l-Ġdida u fil-Komunikazzjoni dwar id-Deċennju Diġitali fil-qasam diġitali: **l-Alleanza dwar il-proċessuri u t-teknoloġiji tas-semikondutturi** u **l-Alleanza għad-Data Industrijali, l-Edge u l-Cloud**. Bi tlaqqiġ flimkien ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, dawn l-alleanzi se jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi ewlenin ta' politika tal-UE fil-mikroelektronika u jsaħħu l-pożizzjoni industrijali tal-Ewropa fis-suq dinji tal-cloud u l-edge computing, b'mod partikolari billi jindirizzaw ix-xejra favur żieda fid-distribuzzjoni u d-deċentralizzazzjoni tal-kapaċitajiet tal-ipproċessar tad-*data* u l-ħtieġa li tiġi permessa ekosistema tal-cloud federata u anjostika għall-fornituri.

Il-Kummissjoni qed tikkunsidra wkoll it-tnejn ta': (i) **Alleanza dwar il-Lanċjaturi tal-Ispazju** biex tlaqqa' flimkien l-atturi kollha, kbar u żgħar, ħalli jaħdmu favur aċċess spazjali kompetittiv, kosteffettiv u awtonomu fil-livell dinji; u (ii) **Alleanza dwar l-Avjazzjoni**

³⁸ COM(2021) 66.

³⁹ Eż. analiżi ta' ekosistemi sensitivi tidentifika madwar 20 prodott importati miċ-Ċina li fuqhom l-UE u l-Istati Uniti huma dipendenti ħafna (inkluż fis-saħħa, fl-industriji intensivi fl-enerġija, fl-enerġija rinnovabbli u fl-ekosistemi diġitali/elettroniċi). L-istess jgħodd għal sħab kummerċjali oħra mill-qrib tal-UE.

⁴⁰ Inkluż l-Aġendi Strateġiċi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni tas-sħubijiet ta' Orizzont Ewropa appoġġati mill-industrija u mill-Istati Membri, li jibnu l-bażi għall-pjanijiet direzzjonali tat-Teknoloġija Industrijali taż-ŻER (COM(2020) 628), il-paġna 10. Fil-Programm Orizzont Ewropa hemm proposti 49 sħubija pubblika privata, u kontribuzzjoni tal-UE ta' kważi EUR 25 biljun, bil-għan li mill-inqas jiġi mobilizzat l-istess ammont min-naħa tas-sħab privati u tal-Istati Membri.

b'Emissjonijiet Żero biex tiżgura li tkun lesta għas-suq għal konfigurazzjonijiet fixkiela ta' ingeni tal-ajru (eż. idroġenu, elettriku), li tingrana l-investimenti eżistenti permezz tal-inizjattiva Clean Sky u tikkontribwixxi għall-obiettiv tan-newtralità klimatika tal-Ewropa għall-2050, b'ħidma f'kumplimentarjetà sħiħa mal-Alleanza tal-Fjuwils Rinnovabbli u b'Livell Baxx tal-Karbonju⁴¹ li qed tiġi kkunsidrata bħalissa.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri għal akkomunament tar-riżorsi pubbliċi permezz ta' **Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEIs)** f'oqsma li s-suq waħdu ma jistax jiġġenera innovazzjoni rivoluzzjonarja, kif kien il-każ fl-oqsma tal-batteriji⁴² u tal-mikroelektronika⁴³. L-Istati Membri u l-kumpaniji esprimew interess b'mod konġunt li jinvolvu ruħhom f'IPCEIs addizzjonali, bħall-cloud computing tal-ġenerazzjoni li jmiss, l-idroġenu, l-industrija b'livell baxx tal-karbonju, il-farmaċewtika u t-tieni IPCEI fuq semikondutturi mill-aktar avvanzati. Il-Kummissjoni se teżamina bir-reqqa dawn il-pjanijiet tal-proġetti u, jekk ikunu jissodisfaw il-kriterji, se takkumpanjahom sa ma jilħqu l-maturità tagħhom. F'każijiet xierqa, bħal fil-każ tal-batteriji, l-alleanzi industrijali jistgħu jgħinu fit-tnejjija ta' dawn l-IPCEIs.

Il-baġit tal-UE jista' jappoġġa wkoll investimenti f'oqsma ta' importanza strateġika. Pereżempju, il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jistgħu jinkludu kontribuzzjonijiet lill-kompartimenti tal-Istati Membri permezz tal-Programm InvestEU, u l-Istati Membri jistgħu jużaw partijiet mill-allokazzjonijiet nazzjonali tagħhom biex jinvestu f'setturi bħal dawn.

Ċerti dipendenzi strateġiċi jistgħu jħallu **impatt partikolari fuq l-SMEs**, li jvarja minn aktar kostijiet għall-qlib sa nuqqas ta' komunitajiet vibranti ta' negozji ġodda u fornituri iżgħar innovattivi. Fl-2021, b'baġit ikkombinat ta' EUR 61 miljun permezz tal-Programm tas-Suq Uniku, il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti u n-Network Enterprise Europe se jwettqu azzjonijiet imsaħħa biex jassistu lill-SMEs jindirizzaw it-tfixkil u l-vulnerabbiltajiet, jew biex jidiversifikaw billi jikkollegawhom ma' sħab lokali u transfruntieri ġodda, u b'hekk iżidu r-reżiljenza tal-SMEs. Ċerti soluzzjonijiet diġitali, bħal spazji tad-*data* tal-manifattura industrijali, se jwasslu wkoll għal ktajjen tal-provvista aktar flessibbli.

It-tmexxija dinjija fit-teknoloġiji timxi id f'id mat-tmexxija **fl-istabbiliment tal-istandards** u fl-iżgurar tal-interoperabbiltà. Il-konverġenza dinjija fuq l-istess standards internazzjonali tgħin biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-adattament u ssaħħaħ il-ktajjen tal-valur tal-UE u dawk dinjin. Biex l-UE żżomm l-influenza tagħha fl-istabbiliment tal-istandards dinjin, is-sistema tal-istandardizzazzjoni tagħha stess, li hi l-qofol tas-Suq Uniku, trid tiffunzjona b'mod aġli u effiċjenti. Kemm fejn jidħlu l-idroġenu, il-batteriji, it-teknoloġija mir-riħ offshore, is-sustanzi kimiċi sikuri, iċ-ċibersigurtà jew id-*data* spazjali, l-industrija tagħna teħtieġ standards Ewropej u internazzjonali li jirfdu t-tranżizzjoni doppja tagħha fil-ħin. Anki l-istabbiliment ta' tmexxija dinjija f'dawn l-istandards prijoritarji ewlenin hu kwistjoni kritika għall-kompetittività u r-reżiljenza tal-industrija tal-UE.

Il-Kummissjoni se tippreżenta **strateġija dwar l-istandardizzazzjoni**. Din se tappoġġa pożizzjoni aktar assertiva dwar l-interessi Ewropej fl-istandardizzazzjoni (fl-UE u fid-dinja) u

⁴¹ COM(2020) 789 L-Istrateġija Komprensiva għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti.

⁴² https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_21_226.

⁴³ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_18_6862.

għal ħidma fil-miftuħ ma' oħrajn dwar ċerti oqsma ta' interessi reċiproċi (eż. l-Istati Uniti u l-Kanada dwar l-użu legali u etiku tal-AI). F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni se tistħarreġ jekk biex jintlaħqu dawn l-oġettivi, hemmx bżonn emendi għar-Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni. Task Force Konġunta bejn il-Kummissjoni u l-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istandardizzazzjoni (ESO) se tiddefinixxi soluzzjonijiet miftiehma biex jiġu adottati malajr dawk l-istandards identifikati bħala kruċjali. Il-Kummissjoni se tagħti wkoll attenzjoni partikolari biex tantiċipa l-ħtiġijiet tal-istandardizzazzjoni li jappoġġaw it-tranżizzjoni doppja tal-ekosistemi industrijali.

Il-kumpaniji Ewropej jeħtieġ jibbenefikaw minn kundizzjonijiet ekwi madwar id-dinja u fis-Suq Uniku. Il-politiki tal-UE dwar il-kompetizzjoni u l-kummerċ iridu jibqgħu assertivi kontra prattiki inġusti u koerċittivi, u jiffavorixxu l-kooperazzjoni internazzjonali biex jissolvew problemi komuni dinjin. Flimkien ma' din il-Komunikazzjoni, il-Kummissjoni qed tipproponi strument legali biex tindirizza l-**effetti potenzjalment distorsivi tas-sussidji barranin** fis-Suq Uniku. Se tiżgura li s-sussidji potenzjalment distorsivi mogħtija minn gvernijiet barranin lil impriżi li jixtiequ jakkwistaw kumpanija tal-UE jew jagħmlu offerta fl-akkwist pubbliku, ma jibqgħux bla kontroll. Flimkien mas-sħab kummerċjali tagħna, il-Kummissjoni se tibqa' tindirizza s-sussidji industrijali distorsivi.

L-infiq pubbliku permezz tal-akkwist jammonta għal 14 % tal-PDG tal-UE kull sena. Il-qafas Ewropew tal-akkwist pubbliku jista' jgħin biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-kumpaniji, inkluż permezz tal-użu ta' kriterji strateġiċi b'mod partikolari għall-akkwist ekoloġiku, soċjali u tal-innovazzjoni, filwaqt li jiżgura t-trasparenza u l-kompetizzjoni. Hu importanti wkoll li jiżdied l-akkwist tal-innovazzjoni fis-soluzzjonijiet diġitali u fl-akkwist tar-riċerka u l-iżvilupp⁴⁴. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tiżviluppa **gwida dwar kif l-akkwist pubbliku jista' jintuża b'mod effettiv biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tal-ekosistemi ewlenin**, bl-użu ta' sett ta' għodod li jgħin lix-xerrejja pubbliċi jidentifikaw u jindirizzaw ir-riskji u d-dipendenzi strateġiċi tal-provvista u jiddiversifikaw il-bażi tal-fornituri.

AZZJONIJIET EWLENIN	TWAQQIT
Adozzjoni ta' proposta li tindirizza l-effetti potenzjalment distorsivi tas-sussidji barranin fis-Suq Uniku	Mejju 2021
Rieżami perġodiku tad-dipendenzi strateġiċi u monitoraġġ tar-riskji assoċjati mad-dipendenzi strateġiċi	Bidu fl-2021
Esplorazzjoni ta' sħubijiet u kooperazzjoni internazzjonali li jindirizzaw id-dipendenzi strateġiċi	Bidu fl-2021
Tnedija ta' alleanzi dwar proċessuri u teknoloġiji semikondutturi, dwar <i>data</i> industrijali, edge u cloud computing	Q2 2021
Azzjoni msaħħa dwar l-interruzzjonijiet u l-vulnerabbiltajiet tal-katina tal-provvista tal-SMEs	Q4 2021
Adozzjoni ta' strateġija tal-istandardizzazzjoni	Q3 2021
Gwida dwar l-identifikazzjoni u l-indirizzar tad-dipendenzi strateġiċi permezz tal-akkwist pubbliku	Q1 2022

⁴⁴ Il-livell ta' nuqqas ta' investment fl-akkwist tal-innovazzjoni fl-Ewropa meta mqabbel mas-sħab kummerċjali ewlenin tagħha hu l-akbar wieħed fl-akkwist tas-soluzzjonijiet diġitali u fl-akkwist tar-riċerka u l-iżvilupp (sottoinvestment ta' fattur 3 u fattur 5, rispettivament). <https://digital-strategy.ec.europa.eu/en/news/final-report-available-benchmarking-innovation-procurement-investments-and-policy-frameworks-across>

5. INĦAFFU T-TRANŻIZZJONIJIET DOPPJI

L-Istrateġija Industrijali tal-2020 inkludiet lista ta' azzjonijiet li jappoġġaw it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-industrija tal-UE, li ħafna minnhom huma diġà implimentati⁴⁵, iżda l-pandemija affettwat b'mod drastiku l-veloċità u l-iskala ta' din it-trasformazzjoni. Issa hu aktar ċar minn qatt qabel li l-kumpaniji li jsegwu s-sostenibbiltà u d-diġitalizzazzjoni huma aktar probabbli li jirnexxu mill-oħrajn. Din hi r-raġuni għalfejn it-trasformazzjoni diġitali tan-negozji hi waħda mill-erba' punti kardinali tal-Kumpass Diġitali⁴⁶.

Ħolqien konġunt ta' perkorsi ta' tranżizzjoni fl-ekosistemi industrijali rilevanti

Ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar is-Suq Uniku⁴⁷ jippreżenta l-ewwel analiżi tal-isfidi ffaċċjati mill-14-il ekosistema industrijali kif ġew identifikati s'issa, iżda anki tal-inizjattivi trasformattivi li diġà ttieħdu biex tinkiseb it-tranżizzjoni doppja u tiżdied ir-reżiljenza. Bħala eżempju illustrattiv, id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal⁴⁸ dwar azzar Ewropew nadif u kompetittiv jistħarreġ fid-dettall xi tfisser it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali għal dan is-settur partikolari u jispjega kif il-miżuri ta' politika tal-UE jappoġġaw l-industrija fit-tweqqiq tat-tranżizzjoni.

Dawn l-analiżijiet jistgħu jservu għal ħolqien konġunt, bi sħubija mal-industrija, l-awtoritajiet pubbliċi, is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra, **perkorsi ta' tranżizzjoni** għall-ekosistemi, meta meħtieġ. B'perkorsi bħal dawn, ikun jistgħu jinftiehem aħjar, minn isfel għal fuq, l-iskala, il-kost, il-benefiċċji fit-tul u l-kundizzjonijiet tal-azzjoni meħtieġa biex takkumpanja t-tranżizzjoni doppja għall-aktar ekosistemi rilevanti, li twassal għal pjan azzjonabbli favur il-kompetittività sostenibbli. Pjan bħal dan jenħtieġ iqis inputs rilevanti bħall-pjanijiet direzzjonali tat-teknoloġija industrijali mħabbra fil-Komunikazzjoni dwar iż-Żona Ewropea tar-Riċerka⁴⁹ u dawk żviluppata permezz tal-Pjan ta' Azzjoni għas-Sinerġiji bejn l-industrija ċivili, tad-difiża u spazjali⁵⁰.

Jenħtieġ tingħata prijorità lill-ekosistemi u lis-setturi li jiffaċċjaw l-aktar sfidi importanti, li jissodisfaw l-għanijiet klimatiċi u ta' sostenibbiltà u li jħaddnu t-trasformazzjoni diġitali, u li l-kompetittività tagħhom tiddependi fuq dan, bħall-industriji intensivi fl-enerġija (inkluż is-setturi tal-kimika u tal-azzar)⁵¹, u l-kostruzzjoni, kif ukoll lis-setturi milquta ħafna mill-kriżi, li jibbenefikaw mill-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni doppja tagħhom biex tingħata spinta lill-irkupru tagħhom (bħat-turiżmu u l-mobbiltà⁵²).

Nappoġġaw il-każ tan-negozju għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali

L-industrija tal-UE laqgħet l-isfidi u l-opportunitajiet li jgħibu magħhom it-tranżizzjonijiet doppji. Lesta tinvesti, iżda tappella għall-prevedibbiltà u għal każ tan-negozju reali, b'qafas regolatorju koerenti u stabbli, aċċess għall-kapaċitajiet u l-infrastruttura, finanzjament għall-innovazzjoni u l-iskjerament, materja prima u enerġija dekarbonizzata, miżuri min-naħa tad-

⁴⁵ SWD(2021) 351, ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar is-Suq Uniku, it-Taqsima 3 u l-Anness II.

⁴⁶ COM(2021) 118 final.

⁴⁷ SWD(2021) 351, ir-Rapport Annwali tal-2021 dwar is-Suq Uniku, l-Anness III.

⁴⁸ SWD(2021) 353, Lejn Azzar Ewropew Kompetittiv u Nadif.

⁴⁹ COM(2020) 628 final, ŻER ġdida għar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

⁵⁰ COM(2021) 70 final, il-Pjan ta' Azzjoni għas-sinerġiji bejn l-industrija ċivili, tad-difiża u spazjali.

⁵¹ Jenħtieġ li jiġu żviluppata sinerġiji bejn il-perkorsi tat-tranżizzjoni u l-pjanijiet direzzjonali volontarji indikattivi, kif previst fir-Regolament dwar il-Liġi Ewropea dwar il-Klima.

⁵² Filwaqt li titqies l-Istrateġija Komprensiva għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti (COM(2020) 789 final).

domanda għal prodotti ċirkolari u newtrali għall-klima, u l-ħiliet adattati. Dawn huma meħtieġa għal tranżizzjoni kompetittiva.

L-opportunità immedjata tal-UE biex tappoġġa dawn il-każijiet tan-negozju tinsab fl-isforzi tagħha tal-**irkupru**. Il-baġit tal-UE u NextGenerationEU, u b'mod partikolari l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, jenħteġ jintużaw bħala lanċjatur biex jitħaffef l-irkupru fl-Ewropa u jissaħħa l-impenn għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali. Abbażi tar-rilevanza tagħhom madwar l-Istati Membri, l-investimenti kbar ħafna meħtieġa, u l-potenzjal tagħhom li joħolqu l-impjiegi u t-tkabbir u jaħsdu l-benefiċċji mit-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, il-Kummissjoni ħeġġet bil-qawwa lill-Istati Membri biex fil-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza jinkludu l-investment u r-riformi f'għadd limitat ta' oqsma ewlenin⁵³. Il-Kummissjoni issa qed tistħarreġ bir-reqqa l-pjanijiet nazzjonali u se timmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom biex tiżgura b'mod partikolari li mill-inqas 37 % tal-finanzjament ikun iddedikat għal investimenti ekoloġiċi u mill-inqas 20 % ikun iddedikat għad-diġitalizzazzjoni. Ħafna pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza se jidderieġu l-finanzjament lejn investimenti ekoloġiċi u diġitali tal-SMEs. Il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni 2021-2027 se jkunu ffukati ħafna fuq it-tranżizzjoni doppja, biex jikkontribwixxu għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija tal-UE.

Il-Pjanijiet għall-Irkupru u r-Reżiljenza joffru opportunità bla preċedent għal tagħqid tal-isforzi fi **proġetti multinazzjonali** biex jinbnew kapaċitajiet kritiċi diġitali u ekoloġiċi. Għadd ta' Stati Membri wrew li beħsiebhom li jinkludu proġetti multinazzjonali fl-abbozz tal-pjanijiet nazzjonali tagħhom. Dawn il-proġetti jistgħu jħaffu l-investment tant meħtieġ fil-qasam tal-idroġenu, fil-kurituri 5G, fl-infrastruttura u fis-servizzi komuni tad-*data*, fit-trasport sostenibbli, fil-blockchain jew fiċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali. Il-Kummissjoni qed tivvaluta l-alternattivi għal mekkaniżmu effettiv li jħaffef l-implimentazzjoni ta' dawn il-proġetti multinazzjonali, u li jippermetti b'mod partikolari kombinament possibbli ta' finanzjament tal-Istati Membri u tal-UE⁵⁴.

L-infurzar tar-regoli dwar il-kompetizzjoni, b'mod partikolari r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, se jiżgura li l-fondi pubbliċi għall-irkupru ma jissostitwixxux iżda jiskattaw investimenti privati addizzjonali. Il-Kummissjoni qed twettaq ukoll **rieżami estensiv tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE** biex tiżgura li huma adattati biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali għall-benefiċċju tal-Ewropej, fi żmien meta x-xenarju kompetittiv dinji qed jinbidel ukoll mill-qieġ. Bir-reviżjoni tar-**regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fil-qasam ambjentali u tal-enerġija** l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġaw aħjar lin-negozji biex jiddekarbonizzaw il-proċessi tal-produzzjoni tagħhom u jadottaw teknoloġiji aktar ekoloġiċi, fil-kuntest tal-Patt Ekoloġiku u tal-Istrateġija Industrijali l-Ġdida. Ir-**regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għall-IPCEIs** se jgħinu biex jiġi katalizzat l-investment transfronter f'innovazzjonijiet rivoluzzjonarji, fejn is-suq waħdu mhux lest jieħu r-riskju, u biss meta l-effetti pożittivi li jissolvew il-fallimenti ċari tas-suq ikunu jisbqu r-riskju ta' distorsjoni tas-suq fis-Suq Uniku. Filwaqt li l-evalwazzjoni riċenti tal-Komunikazzjoni attwali tal-IPCEI uriet li d-dispożizzjonijiet jaħdmu tajjeb, hemm bżonn xi aġġustamenti mmirati, inkluż biex ikomplu jsaħħu l-ftuħ tagħhom u jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni tal-SMEs u biex jipprovdu gwida dwar il-kriterji għall-akkomunament tal-fondi mill-baġits nazzjonali u mill-programmi tal-UE. Il-Linji Gwida l-ġodda dwar l-Għajnuna Reġjonali mill-Istat se jippermettu lill-Istati Membri

⁵³ L-Istrateġija Annwali tal-2021 għal Tkabbir Sostenibbli, COM(2020) 575 final. L-inizjattivi ewlenin huma intitolati: Power Up; Renovate; Recharge & refuel; Connect; Modernise; Scale-up; Reskill & upskill.

⁵⁴ Kif tħabbar fil-Komunikazzjoni "Il-Kumpass Diġitali tal-2030", COM(2021) 118 final.

jappoġġaw lill-inqas reġjuni favoriti biex ilaħħqu u jnaqqsu d-disparitajiet, u lir-reġjuni li qed iġarrbu sfidi ta' tranżizzjoni jew strutturali, filwaqt li jiżguraw kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri.

Fl-evalwazzjoni tagħha tal-**Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Broadband**, il-Kummissjoni qed tivvaluta jekk dawk ir-regoli humiex adattati għall-iskop tagħhom u konformi mal-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq riċenti, biex ikunu jistgħu jappoġġaw bis-sħiħ l-ambizzjonijiet tal-UE fir-rigward tal-iskjerament tal-infrastruttura tal-broadband bi qbil mal-objettivi ta' politika stabbiliti fost l-oħrajn fil-komunikazzjonijiet tas-Soċjetà tal-Gigabits u tad-Deċennju Diġitali. Barra minn hekk, **ir-rieżami attwali tar-regoli tal-antitrust applikabbli għal ftehimiet orizzontali** bejn il-kumpaniji se jkopri, fost l-oħrajn, kwistjonijiet essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, bħal ftehimiet tar-riċerka u l-iżvilupp, u se jipprovi gwida dwar l-hekk imsejja "ftehimiet tas-sostenibbiltà" u ftehimiet prokompetittivi dwar il-kondiviżjoni tad-*data* u l-akkomunament tad-*data*. Bl-istess mod, ir-rieżami attwali tar-Regolament għal Eżenzjoni ta' Kategorija Vertikali u l-Linji Gwida Vertikali għandu l-għan li jjarreb ir-regoli applikabbli lejn realtajiet ġodda tas-suq b'mod partikolari l-kummerċ elettroniku u l-bejgħ online, u jipprovi gwida aġġornata lin-negozji dwar dawn il-materji. Anki **l-avviż dwar id-definizzjoni tas-suq** qed jiġi rieżaminat, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi bħad-diġitalizzazzjoni u l-globalizzazzjoni. Permezz tar-**Rieżami tal-Politika Kummerċjali**, il-Kummissjoni stabbiliet pjan għall-politika kummerċjali biex taqdi r-rwol sħiħ tagħha fit-tranżizzjoni doppja. Bħala parti mill-fokus tagħha fuq l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kummerċjali u tal-investment, l-UE se tuża l-flessibbiltajiet intrinseki kollha fil-ftehimiet kummerċjali eżistenti tagħha biex dawn ikunu adattati għall-iskop tagħhom u jwieġbu għall-isfidi l-ġodda relatati mat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali.

Biex tappoġġa l-finanzjament għal irkupru ekoloġiku, il-Kummissjoni qed tħejji **l-Istrateġija Mġedda tagħha għal Finanzjament Sostenibbli** u inizjattiva leġislattiva dwar **governanza korporattiva sostenibbli** li ttipprevedi d-diliġenza dovuta mill-kumpaniji. Barra minn hekk, l-appoġġ għall-investimenti ekoloġiċi se jiġi akkoppjat bl-iżvilupp ta' standards ġodda għall-finanzjament ekoloġiku.

Qabel il-waqfa tas-sajf 2021, il-Kummissjoni se ttipprezenta l-pakkett "**Fit-for-55**" li jippreżenta revizzjoni koerenti tal-istrumenti ewlenin tal-pakkett dwar il-klima u l-enerġija tal-2030, bil-ħsieb li tinkiseb Ewropa newtrali għall-klima sal-2050. Il-Kummissjoni se ttipprezenta **Mekkaniżmu ta' Aġġustament tal-Karbonju fil-Fruntiera** għal setturi magħżula, biex jindirizza aħjar ir-riskju ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju, f'konformità sħiħa mar-regoli tad-WTO. L-għodod eżistenti li jindirizzaw ir-riskji ta' rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju tal-industriji intensivi fl-enerġija u esposti globalment jenħtieġ jibqgħu jintużaw sakemm jiddaħħlu fis-seħħ arranġamenti alternattivi kompletament effettivi. Minħabba d-diversità tal-approċċi għall-ipprezzar tal-karbonju madwar id-dinja, il-Kummissjoni se tibqa' tikkomunika mas-sħab internazzjonali tal-UE biex issib bażijiet għal kooperazzjoni f'dan il-qasam.

Il-programm **Orizzont Ewropa, bl-għodod u bis-sħubijiet kollha tiegħu**⁵⁵, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Istitut tal-Innovazzjoni u t-Teknoloġija – se jappoġġaw l-ekosistema tal-innovazzjoni pan-Ewropea tal-ġenerazzjoni li jmiss għat-tranżizzjoni

⁵⁵ Ikopru l-azzar nadif, l-industriji tal-ipproċessar, l-idroġenu, il-batteriji, it-trasport bit-triq b'emissjonijiet żero, l-avjazzjoni nadifa, it-trasport fuq l-ilma b'emissjonijiet żero, l-ambjent mibni sostenibbli, u l-manifattura avvanzata, fost l-oħrajn.

ekoloġika u diġitali. Il-**Fond għall-Innovazzjoni** se jibqa' jipprovdi appoġġ kritiku għad-dimostrazzjoni kummerċjali ta' teknoloġiji innovattivi b'livell baxx tal-karbonju f'diversi setturi. Bħala parti mill-proposta għal Direttiva riveduta tal-ETS, il-Kummissjoni qed tikkunsidra li tipproponi **approċċ Ewropew għall-kuntratti tal-karbonju b'differenza**, bl-użu tad-dħul tal-ETS u li jikkumplementa forom oħra ta' appoġġ permezz tal-Fond għall-Innovazzjoni.

L-investimenti attwali fis-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, fil-ħżin tal-enerġija, fil-grilji, fl-interkonnessjonijiet u fit-trasformazzjoni industrijali fl-UE mexjin bil-mod wisq⁵⁶. Biex itranzizzjoni ekoloġika ġġib kompetittività ġenwinament sostenibbli, l-industrija teħtieġ aċċess għal elettriku abbondanti, affordabbli u dekarbonizzat, u huma meħtieġa sforzi addizzjonali f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni se taħdem mal-Istati Membri biex iżżid l-ambizzjoni tagħhom dwar l-enerġija rinnovabbli u tissimplifika l-proċeduri tal-permessi. Il-Laboratorju Ġeografiku tal-Enerġija u l-Industrija, għodda li qed jiżviluppa ċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka tal-Kummissjoni b'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati industrijali, se jipprovdi informazzjoni ġeospazjali għall-kumpaniji u għall-pjanifikaturi tal-infrastruttura tal-enerġija. Il-konsumaturi industrijali, l-SMEs u l-komunitajiet jistgħu jaħdmu wkoll flimkien għas-sigurtà tal-prezzijiet fit-tul għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli u għal titjib fl-impronta ambjentali. Il-Kummissjoni se tikkunsidra miżuri, bħala parti mid-Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli f'Ġunju 2021, biex tappoġġa l-adozzjoni ta' **Ftehimiet korporattivi dwar ix-Xiri tal-Enerġija rinnovabbli**, u tneħħi kwalunkwe xkiel mhux ġustifikat.

L-**espansjoni tas-suq** u ż-żieda dinjija fid-domanda għat-turbini tar-riħ, il-pannelli solari fotovoltajċi, u t-teknoloġiji tal-enerġija intelliġenti huma opportunità ewlenija, għax skala akbar tnaqqas il-kostijiet tal-enerġija għall-industrija u għas-soċjetà inġenerali. Il-Kummissjoni tilqa' l-isforzi biex tiżdied il-manifattura ta' dawn it-teknoloġiji fl-UE, bħall-Inizjattiva Solari Ewropea mmexxija mill-industrija. Il-Kummissjoni qed taħdem ukoll fuq miżuri tal-ekodisinn għall-pannelli solari, inkluż rekwiżiti possibbli dwar l-impronta tal-karbonju.

L-Alleanza Ewropea tal-**Materja Prima** (ERMA) qed tistabbilixxi sensiela ta' proġetti għall-ktajjen tal-valur tal-materjali tal-art rari u anki tal-kalamiti u dwar il-ħżin tal-enerġija u l-materjali tal-konverżjoni. Jekk il-proġetti kollha identifikati mill-ERMA kellhom jiġu implimentati, dawn jistgħu jippermettu li sa 60 % tal-kapaċità tal-enerġija mir-riħ installata kull sena fl-UE tkun tiddependi fuq kalamiti tal-art rari magħmula fl-UE sal-2030 u li l-provvista tal-UE tkopri 20 % tad-domanda prevista għan-nikil sal-2030⁵⁷.

Se jkunu kruċjali sforzi kontinwi favur disinn sostenibbli tal-prodotti, **ekonomija ċirkolari** u żieda fil-ġbir u fir-riċiklaġġ tal-materja prima, kif ukoll suq li jiffunzjona għall-materja prima sekondarja. Il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar il-Batteriji tipprovdi qafas regolatorju innovattiv għall-batteriji li jkopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tagħhom.

L-**SMEs** jistgħu jibbenefikaw mit-tranżizzjoni ekoloġika iżda jeħtieġu pariri u appoġġ finanzjarju biex jisfruttawha bis-sħiħ. In-Network Enterprise Europe diġà qed jistabbilixxi

⁵⁶ SWD(2020) 176 final, Valutazzjoni tal-Impatt meħmuża mal-Pjan ta' Mira Klimatika għall-2030 (it-tabella 12); Agora-Energiewende & EMBER (2021): The European Power Sector in 2020. L-aħħar Pjanijiet Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima jindikaw żieda ta' 72 TWh/sena fil-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-riħ u mix-xemx bejn l-2020 u l-2030, iżda biex jintlaħaq l-għan tal-klima ta' 55 % ikun hemm bżonn 93-100 TWh/sena.

⁵⁷ Ara l-Kapitolu 5.1 of SWD(2021) 352, Dipendenzi u Kapaċitajiet Strateġiċi għall-kalkoli sottostanti.

Konsulenti tas-Sostenibbiltà biex jipprovdu pariri ddedikati lill-SMEs u dawn se jkunu fis-seħħ għalkollox mill-2022. Dawn se jippromwovu l-innovazzjoni tal-SMEs fil-ġenerazzjoni tal-elettriku dekarbonizzata, inkluż l-użu ta' pannelli solari, u anki l-effiċjenza enerġetika. Anki d-diġitalizzazzjoni hi essenzjali għall-SMEs biex il-pjattaformi rilevanti kollha⁵⁸ jaġixxu flimkien ħalli jappoġġaw lill-SMEs fl-ekosistemi tagħhom, pereżempju fl-adozzjoni ta' mudelli ta' negozju mmexxija mid-*data*, u ta' soluzzjonijiet kontra t-theddid kibernetiku. Sal-2023, il-Programm Ewropa Diġitali se jinjetta EUR 310 miljun fiċ-Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali li se jagħtu appoġġ lokali lill-SMEs fit-trasformazzjoni diġitali u aċċess għall-ittestjar tat-teknoloġija. Fl-2021, il-Kunsill Ewropew tal-Innovazzjoni se jipprovdi wkoll EUR 1,1 biljun f'għotjiet u f'finanzjament tal-ekwità, l-aktar lil negozji ġodda u SMEs innovattivi.

Il-Kummissjoni se taħdem biex issaħħaħ is-**sinerġiji bejn it-tranżizzjonijiet sostenibbli u diġitali**. Is-soluzzjonijiet diġitali, bħat-**tewmin diġitali** fil-manifattura avvanzata, jistgħu jgħinu biex jiġu ottimizzati l-proċessi fl-ekosistemi kollha. Il-**Koalizzjoni Diġitali Ekoloġika Ewropea** mmexxija mill-industrija se tkejjel l-impatt u tħaffef l-iskjerament ta' soluzzjonijiet diġitali għal setturi ewlenin ekoloġiċi. Biex twestaq l-impenji li saru fil-Kumpass Digitali⁵⁹, il-Kummissjoni se tidentifika miżuri addizzjonali biex tintlaħaq il-**mira ta' newtralità tal-karbonju tat-teknoloġiji tal-ICT** u biex jiżded l-użu tat-teknoloġiji diġitali ħalli titnaqqas l-impronta ambjentali ta' ekosistemi oħra.

It-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali ma jistgħux jitwettqu mingħajr aktar kondivizzjoni tad-*data*, b'mod partikolari biex tiġi ottimizzata s-sostenibbiltà u biex jiġu żviluppati prodotti u servizzi innovattivi. Biex tgħin ħalli l-kumpaniji u s-settur pubbliku jisfruttaw il-potenzjal tad-*data*, fl-2021 il-Kummissjoni se tipproponi **Att dwar id-Data u se tkompli tappoġġa l-istabbiliment ta' "Spazji komuni Ewropej tad-*data*" settorjali**, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali, permezz tal-Programm Ewropa Diġitali li jmiss. Fil-livell internazzjonali, l-UE qed tinvolvi ruħha fin-negozjati tal-inizjattiva tad-Dikjarazzjoni Konġunta tad-WTO dwar il-kummerċ elettroniku biex issawwar ir-regoli dinjin dwar il-kummerċ diġitali. Biex tippromwovi l-iżvilupp ta' Intelliġenza Artifiċjali sikura u affidabbli, fil-21 ta' April 2021 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal qafas regolatorju dwar l-AI u Pjan Ikkoordinat rivedut dwar l-AI.

L-**investment fil-ħiliet** hu komponent importanti tal-investment fin-nies, u se jkun essenzjali biex jappoġġa t-tranżizzjoni doppja u jikkontribwixxi għal irkupru ġust. L-Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa tappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali b'inizjattivi bħall-Patt għall-Ħiliet. Dan jgħin biex jimmobilizza s-settur privat u lil partijiet ikkonċernati oħra ħalli jtejbu l-ħiliet u jħarrġu mill-ġdid il-forza tax-xogħol tal-Ewropa. Il-Patt jappoġġa sħubijiet tal-ħiliet fuq skala kbira għal kull ekosistema, li wħud minnhom diġà għamlu impenji ta' titjib fil-ħiliet (l-industriji awtomobilistiċi, tal-mikroelektronika u tal-ajruspazju u d-difiża). Id-diskussjonijiet politiċi dwar il-ħiliet li organizzat il-Kummissjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti minn kull ekosistema, se jkunu koprew l-ekosistemi kollha sa nofs l-2021, u se jikkontribwixxu għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-perkorsi. Il-baġit tal-UE għall-2021-2027 jinkludi għadd ta' strumenti li jistgħu jappoġġaw it-titjib fil-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid⁶⁰.

⁵⁸ In-network taċ-Ċentri Ewropej ta' Innovazzjoni Diġitali (EDIH), il-Pjattaforma Ewropea għall-Kollaborazzjoni bejn ir-Raggruppamenti (ECCP), in-Network Enterprise Europe (EEN), u Startup Europe.

⁵⁹ COM(2021) 118 final, Il-Kumpass Diġitali tal-2030: l-approċċ Ewropew għad-Deċennju Diġitali.

⁶⁰ Bħall-Fond Soċjali Ewropew, Erasmus jew il-Programm Ewropa Diġitali.

Il-pjanijiet nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza jistgħu jikkontribwixxu wkoll, bħalma jikkontribwixxi appoġġ attiv effettiv għall-impjiegi⁶¹.

AZZJONIJIET EWLENIN	TWAQQIT
Ħolqien konġunt ta' perkorsi tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali għall-ekosistemi rilevanti, li jibdeu mit-turiżmu u mill-industriji intensivi fl-enerġija	Mill-Q2 2021
Azzjonijiet li jippromwovu Ftehimiet dwar ix-Xiri tal-Enerġija rinnovabbli fil-proposta għal Direttiva riveduta dwar l-Enerġija Rinnovabbli	Q2 2021
Fil-proposta għal Direttiva riveduta dwar l-ETS jitqies approċċ Ewropew għall-kuntratti tal-karbonju b'differenza	Q2 2021
Laboratorju Ġeografiku tal-Enerġija u l-Industrija	Mill-Q4 2021

6. KONKLUŻJONI: NIĠBDU ĦABEL WIEĦED BIEX NERĠĠHU FUQ SAQAJNA AKTAR SODI

L-Istrateġija Industrijali l-Ġdida tal-2020 stabbiliet is-sisien għal politika industrijali li tappoġġa t-tranżizzjonijiet doppji, biex l-industrija tal-UE tkun aktar kompetittiva madwar id-dinja u tissaħħaħ l-awtonomija strateġika tal-Ewropa. Din tistabbilixxi mod industrijali ġdid għall-Ewropa, li jaqbel mal-ambizzjonijiet taż-żmienna u mar-realtajiet ta' għada. Din tibqa tiġi żviluppata, abbażi tal-assi tal-Ewropa bħala d-dar tal-industrija – tad-diversità tagħna u tat-talent tal-poplu tagħna, tal-innovaturi u tal-ħallieqa tagħna, tal-valuri tagħna u tat-tradizzjonijiet soċjali tas-suq. Din l-Istrateġija Industrijali l-Ġdida hi intraprenditorjali fl-ispirtu u fl-azzjoni, u valida daqs qatt qabel.

L-UE, l-Istati Membri tagħha u l-industrija issa qed jisiltu t-tagħlimiet mill-kriżi u lesti jpoġġu l-industrija Ewropea fuq bażi ġdida kompetittiva u sostenibbli. Dan ifisser implimentazzjoni u bini fuq il-miżuri mħabbra għall-industrija, l-SMEs u s-Suq Uniku fil-Pakkett Industrijali ta' Marzu 2020. Dan ifisser ukoll li nissalvagwardjaw l-assi ċentrali tal-Ewropa, is-Suq Uniku tagħha, niżguraw awtonomija strateġika miftuħa u nħaffu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali fit-territorju tal-UE. Il-leġiżlazzjoni, il-kokreazzjoni, l-investment, is-sħubijiet u l-kooperazzjoni internazzjonali lkoll għandhom rwol x'jaqdu. Dan l-aġġornament tal-Pakkett tal-Politika Industrijali se jgħin biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

Biex ikunu effettivi, dawn l-isforzi jridu jiġu appoġġati bi sħubijiet sodi bejn l-UE, l-Istati Membri, is-sħab soċjali, il-partijiet ikkonċernati industrijali u oħrajn rilevanti, bejn u fi ħdan l-ekosistemi industrijali, li jibnu fuq il-Forum Industrijali miftuħ u inklużiv tal-UE. Għall-aktar ekosistemi rilevanti, u flimkien ma' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra, il-Forum se jappoġġa l-iżvilupp ta' perkorsi tat-tranżizzjoni u l-analiżi tad-dipendenzi strateġiċi. Se jippromwovi l-aqwa prattiki u soluzzjonijiet għall-ekosistemi, u se jidentifika ħtiġijiet ta' investment u opportunitajiet ta' kooperazzjoni transfruntieri u bejn l-ekosistemi.

Il-Kummissjoni se tibqa' tippromwovi s-sjieda politika tal-istrateġija industrijali, u se tissokta bid-djalogi regolari mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill.

L-UE se tftitx kooperazzjoni internazzjonali kull fejn ikun possibbli biex tibni ekonomija dinjija b'saħħitha, ibbażata fuq il-prinċipji tal-UE, fosthom kundizzjonijiet ekwi tal-kompetizzjoni, tmexxija dwar l-istabbiliment tal-istandards u prijoritajiet regolatorji oħra, u se tftitx ukoll li ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista dinjin.

⁶¹ Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjiegi (C(2021) 1372 final).